# Qorti tal-Magistrati (Malta)

## Magistrat

## Dr Rachel Montebello B.A. LL.D.

## Rikors Nru.: 264/2017 RM

## Winex Holdings Limited (C21511)

## Vs

## Sohze Developments Limited (C66250)

## Illum, 22 ta' Mejju 2019

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors prezentat mis-socjeta' Winex Holdings Limited fil-15 ta' Settembru, 2017 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta' konvenuta Sohze Developments Limited thallasha s-somma komplessiva ta' erbatax-il elf disgha mija u disgha u disghin Ewro u disgha u disghin centezmu (€14,999.99) jew somma verjuri li ghandha tigi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti, jekk hemm bzonn bl-ghajnuna ta' periti nominandi, rapprezentanti kumpens li ghandu jithallas lis-socjeta' rikorrenti ghal arrikkament indebitu illi ghamlet is-socjeta' intimata a detriment ta' dik rikorrenti, meta ghamlet uzu tal-fond numru 12, Tigne Place, Office 2/5, Triq Tigne' Tas-Sliema, kif ukoll tas-servizzi li tgawdi minnhom fl-istess fond, minghajr ma hallset ebda kumpens ghal tali uzu.

Bl-imghax u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-28 ta' Frar, 2017 kif ukoll dawk tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment mal-prezenti kontra s-socjeta' intimata li minn issa tibqa' ngunta ghas-subizzjoni taghha.

Rat ir-Risposta tas-socjeta' konvenuta pprezentata fir-registru taq din il-Qorti nhar it-30 ta' Novembru 2017 fejn eccepiet is-segwenti:-

1. Illi preliminarjament is-socjeta Sohze Developments limited mhiex il-legittiima kontraditrici fil-proceduri odjerni stante li s-socejta' attrici kellha relazzjoni kuntrattwali mas-socjeta NRR Entertainments Limited.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talba tar-rikorrenti Winex Holdings limited, kif formulata hija infondata kemm fil-fatt kemm fid-dtitt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez.

B'rizerva shiha ghad dritt li ttihedet kwalsiasi azzjoni mehtiega kontra s-socjeta' Winex Holdings Limited

Rat is-sentenza in parte moghtija fis-6 ta' Marzu 2019 fejn il-Qorti cahdet l-ewwel eccezzjoni preliminari tas-socjeta` konvenuta u ddikjarat li hija legittimu kontradittur tat-talbiet attrici;

Rat ir-rikors ipprezentat mis-socjeta` attrici fit-12 ta' Marzu 2019 fejn ippremettiet u talbet is-segwenti:-

*Illi l-kawza odjerna giet intavolata kontra s-socjeta' intimata ghas-somma ta' €14,999.99 rappresentanti kumpens li ghandu jithallas lilha bhala arrikiment indebitu meta din ghamlet uzu mill-fond numru 12, Tigne Place, Tas-Sliema, kif ukoll tas-servizzi li tgawdi minnhom l-istess fond.*

*Illi l-fatturi relattivi kienu inhargu fuq s-socjeta' intimata, li kienet teffettwa l-pagamenti hi, sakemm dawn waqfu hesrem, u ghalhekk l-presunzjoni kienet illi l-fond fuq imsemmi kien qieghed effettivament qed jigi uzat mill-istess socjeta' intimata.*

*Illi fil-mori tal-kawza is-socjeta' intimata pprezentat tliet affidavits, liema affidavits qatt ma gew notifikati lis-socjeta' esponenti minkejja illi dan huwa obbligu legali, u li s-socjeta' esponenti saret taf bihom issa b'kumbinazzjoni, fejn qed jigi allegat illi l-fond mertu tal-kawza kien effettivament qed jintuza minn socjeta' ohra bl-isem NRR Entertainment Limited.*

*Illi s-socjeta' intimata u NRR Entertainment Limited, kellhom l-istess direttur u cjoe certu Igor Samardziski li kienet il-persuna illi keient tikkomunika mas-socjeta' esponenti, u ghalhekk is-socjeta' esponenti ma kellix mezz kif tkun taf liema socjeta' keient effettivament qed taghmel uzu mill-fond, u setghet biss tippresumi illi kienet dik intimate stante illi kienet din illi kienet qed thallas l-fatturi relattivi li del resto kienu jinhargu f'isimha u dana dejjem fuq talba tal-imsemmi Igor Samardziski.*

*Illi kif gie sottomess aktar 'l fuq f'dawn il-proceduri issa gew esebit numru ta' affidavits ta' nies illi jallegaw illi huma impjegati tas-socjeta' NRR Entertainment Ltd u li kienu joperaw mill-fond mertu tal-kawza.*

*Illi s-socjeta' NRR Entertainment Ltd li ggib in-numru (C 47261) fil-mori tal-kawza senjatament fil-11 ta' Gunju 2018 biddlet isimha għal Maxent Limited, u l-imsemmi Igor Samardziski kien irrizenja minn direttur fis-7 ta' Mejju 2018, u dana kif jidher mid-dokumenti haw annessi w mmarkati bhala Dok W1 u W2.*

*Illi ghalhekk s-socjeta' esponenti tissottometti bir-rispett illi jehtieg il-kjamat in kawza tas-socjeta Maxent Limited (C 47261), gia NRR Entertainment Limited, u dana ai*

*termini tal-artikolu 961 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta)*

*Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq imsemmija, s-soċjetà esponenti titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha ssejjaħ fil-kawża lis-soċjetà Maxent Limited (C 47261), ġa NRR Entertainment Limited, u li dan kollu jsir taħt dawk il-provedimenti kollha illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha timponi.*

Rat ir-Risposta pprezentat mis-socjeta` konvenuta ghar-rikors tat-12 ta' Marzu 2019 fejn oggezzjonat ghat-talba tas-socjeta` attrici li tigi msejha fil-kawza s-socjeta` Maxent Limited u dan ghar-ragunijiet segwenti:-

1. *"Illi fit-12 ta' Marzu 2019 is-socjeta' attrici Winex Holdings Limited, isottomettit rikors quddiem din l-Onorabbli Qorti sabiex titlob lil-istess Qorti ssejjah fil-kawza lis-socjeta' Maxent Limited (C47261), liema socjeta' precedentament kien jisimha NRR Limited;*

2. *Illi is-socjeta' attrici, ghal kuntrarju ta' dak li qed tipprova tindika fir-rikors taghha hawn fuq indikat, ilha taf bl-ezistenza tas-socjeta' NRR Entertainment Limited ghal tul ta' zmien, u mhuwiex minnu illi dan il-fatt gie biss komunikat lis-socjeta' attrici, permezz ta' tliet affidavits indikati mill-istess socjeta' fir-rikors taghha;*

3. *Illi s-socjeta' konvenuta ghamlet diversi referenzi ghal-ezistenza tas-socjeta' NRR Entertainments Limited, sahansitra anke taghmel referenza ghaliha fir-risposta taghha tat-30 ta' Novembru 2017, fejn is-socjeta' konveuta tghid hekk:*

    *"Illi preliminarjament is-socjeta' Sohze Developments Limited mhijiex il-legittima kontradittrici fil-proceduri odjerni stante li s-socjeta' kellha relazzjoni kuntrattwali mas-socjeta' NRR Entertainment Limited."*

4. *Illi in piu s-socjeta' konvenuta, ghamlet referenza ghas-socjeta' NRR Entertainment Limited anke fl-affidavit tas-Sur Anthony Parlato*

*Trigona li gie prezentat quddiem din l-istess Onorabbli Qorti nhar l-10 ta' Ottubru 2018, f'liema affidavit saru numru ta' referenzi ghas-socjeta' NRR Entertainment Ltd*

5. *Illi kif gustament indikat mis-socjeta' attrici l-kumpanija NRR Entertainement Ltd regaw gew imsemmija ghal diversi drabi ohra fl-affidavits ta' tlett impjegati tas-socjeta' hawn indikata, senjament l-affidavit tas-Sur Daniel Saliba, l-affidavit tas-Sur Karl Brockdorff u l-affidavit tas-Sur Jorge Alberto Veloso Pinto, liema affidavits gew prezentati fid-19 ta' April 2018;*

6. *Illi ghalhekk is-socjeta' attrici ilha taf bis-socjeta' NRR Entertainment u ghalhekk kellha diversi opportunitajiet sabiex taghmel din it-talba odjerna fi stadju ferm aktar kmieni fil-mori ta' din il-kawza*

7. *Illi s-socjeta' konvenuta ghar-ragunijiet fuq sottomessi qieghda topponi ghat-talba tas-socjeta' attrici sabiex tissejjah fil-kawza s-socjeta' Maxent Limited (NRR Entertainment Limited), stante illi fl-umli opinjoni tas-socjeta' konvenuta din il-talba din it-talba qieghda issir fi stadju tardiv wisq tal-kawza, minkejja illi s-socjeta' attrici kellha diversi drabi opportuni sabiex taghmel din it-talba;*

*Ghaldaqstant, in visto tas-suespost is-socjeta' konvenuta titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tichad it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kjamat in kawza ta' Maxent Limited (C47261) bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' attrici."*

Rat illi l-kawza giet imhollija ghal-lum sabiex jinghata provvediment dwar it-talba tas-socjeta` attrici ghas-sejha fil-kawza tas-socjeta` Maxent Limited gia` NRR Entertainment Limited;

Ikkunsidrat;

Illi l-vertenza in ezami tittrata t-talba tas-socjeta` attrici ghas-sejha fil-kawza tas-socjeta' Maxent Limited gia` NRR Entertainment Limited, u dan ghar-ragunijiet kontenuti fir-rikors minnha pprezentat fit-12 ta' Marzu 2019.

Da parti taghha, is-socjeta` konvenuta opponiet ghal din it-talba u sostniet li billi s-socjeta` attrici kellha relazzjoni kuntrattwali mas-socjeta` NRR Entertainment Limited u ghalhekk messha kienet taf illi kellha tindirizza t-talbiet taghha fil-konfront taghha, huwa tardiv wisq f'dan l-istadju ta-proceduri illi titlob li din is-socjeta` tigi kjamata fil-kawza.

Ikkunsidrat;

L-Artikolu tal-ligi li jirregola s-sejha ta' persuna f'kawza, huwa Artikolu 961 tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili. Dan l-Artikolu jipprovdi hekk:-

"*Tista' wkoll terza persuna, b'digriet tal-Qorti, f'kull waqt tal-kawża qabel is-sentenza, tiġi msejħa f 'kawża miexja bejn partijiet oħra fil-Qorti tal-ewwel grad, sew fuq talba ta' waħda mill- partijiet kemm ukoll mingħajr dik it-talba.*"

Fis-sentenza fl-ismijiet **Direttur Generali ta' l-Avjazzjoni Civili vs Panta Contracting Limited et** deciza fit-18 ta' Novembru 1998, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili identifikat diversi principji u cirkostanzi li ghandhom jirregolaw is-sejha fil-kawza ta' terza persuna f'kawza bejn partijiet ohra:-

"*(1) In linea tradizzjonali sabiex ikun hemm integrita` tal-giudizzju, b' mod li l-presenza ta' tali terza persuna tkun indispensabbli ghar-re-integrazzjoni u kompletezza tal-proceduri.*
*(2) Ricentement kien hemm diversi kazi fejn giet ordnata il- kjamata in kawza anke jekk il-giudizzju kien integru, u dan sabiex jigu salvagwardjati d-drittijiet ta' min ikun direttament interessat fl-ewwel azzjoni giudizzjarja u li aktar warajha iggib azzjoni ohra, bhala konsegwenza taghha (Joseph Riolo pro. et noe vs Carmel Muscat et - App. Civ. 15 ta' Novembru 1991).*"

Fil-provvediment moghti mill-Prim'Awla fl-4 ta' Novembru 2013[1], gie osservat ulterjorment illi l-istitut tas-sejha fil-kawza gie utilizzat mill-Qrati Maltin f'diversi cirkostanzi dettati l-iktar mill-htiega prattika li tigi evitata l-moltiplicita` tal-kawzi[2] izda fosthom ukoll biex:-

"*... tigi evitata possibilita ta' giudizzji konfliggenti u rikorsi ghar-rifuzzjoni - "A.J.C. Barbaro vs Carmelo Mallia" (App. Civ. 26 t'Ottubru 1956);*
*... l-interess tal-konvenut verso terza persuna jigi protett – "Joseph Calleja vs Av. Joseph Micallef et noe" (Prim Awla. 11 ta' Marzu 1952);*
*... ikun fl-interess ta' terza persuna u l-attur, sabiex il-gudizzju jigi osservat sew - "Anthony Cini vs Joseph Demanuele" (App.Civ. 8 ta' Frar 1946)*".

Kif gie ukoll diversi drabi ritenut, l-interess mehtieg biex jiggustifika s-sejha fil-kawza ta' terza persuna, huwa tal-istess kalibru bhal dak rikjest mil-ligi biex tigi proposta azzjoni jew biex tista' tigi opposta kontestazzjoni. Izda f'kull kaz, il-Qorti ghandha tassigura illi s-sejha fil-kawza ma tkunx qieghda tintalab bl-iskop li jigu mtawlin inutilment il-proceduri jew li tisnatura l-azzjoni attrici, u dan sabiex jigi evitat illi dan l-istitut, mahluq ghall-effikacja, jitlef il-pratticita` tieghu u jsir minflok mezz ta' frustrazzjoni tal-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migburin s'issa, huwa evidenti illi, kif tajjeb sottomettiet is-socjeta` konvenuta fir-risposta taghha ghar-rikors odjern, is-socjeta` attrici ilha taf bl-ezistenza tas-socjeta` NRR Entertainment Limited (illum jidher li hija maghrufa bl-isem Maxent Limited): wara kollox kien Anthony Parlato Trigona[3] stess li xehed illi s-socjeta` NRR Entertainment Limited kienet tikri l-fond tas-socjeta` attrici u wara li l-kirja ntemmet, din is-socjeta` baqghet tuza l-fond kif ukoll baqghet thallas l-invoices li kienu

[1] **Peter Incorvaja et CMR Commercial Limited**
[2] Alfred Zammit Cutajar vs Joseph Formosa" (App.Civ. 26 ta' Gunju 1961).
[3] Direttur tas-socjeta` attrici.

jintbaghtulha, talanqas sa Mejju 2015[4]. Huwa ghalhekk minnu wkoll illi s-socjeta` attrici kellha kull opportunita` illi tidderigi l-azzjoni taghha fil-konfront tas-socjeta` NRR Entertainment Limited izda naqset milli taghmel dan s'issa.

Ikkunsidrat;

Ghalkemm il-Qorti tqis illi m'huwiex accettabbli li l-istitut tas-sejha fil-kawza jintuza sabiex jaghmel tajjeb ghal nuqqasijiet evidenti fil-gudizzju kif propost mill-attur, f'dan il-kaz ma jirrizultax illi giet imharrka bhala konvenuta, xi persuna li ma ghandha ebda rabta kwalsiasi mal-attrici, anke ghaliex kif diga` deciz fis-sentenza parzjali moghtija minn din il-Qorti fis-6 ta' Marzu 2019 f'din l-istess kawza, is-socjeta` konvenuta Sohze Developments Limited hija legittima kontradittrici tat-talbiet attrici. Huwa minnu illi fit-termini tat-talba kif ukoll tar-risposta kif impostati, u fl-isfond tal-vertenza kif fuq imfisser, kellu jkun manifest ghas-socjeta` attrici illi s-socjeta` NRR Entertainment Limited kellha interess illi tkun parti fil-gudizzju galadarba din is-socjeta` kienet tokkupa l-fond tal-attrici u kellha relazzjoni guridika evidenti u anke kuntrattwali maghha, izda din il-konsiderazzjoni wahedha mhijiex bizzejjed, fil-fehma tal-Qorti, biex teskludi l-htiega illi l-imsemmija socjeta` tkun parti fil-kawza ghall-finijiet ta' pratticita` u ekonomija tal-gudizzju li wara kollox huma l-fondament tal-istitut tal-kjamat fil-kawza. Inoltre, billi l-Artikolu 961 tal-Kap. 12 jipprospetta illi sejha fil-kawza ta' persuna ohra tista' ssir f'kull waqt tal-kawza qabel is-sentenza finali, basta li, f;kaz li t-talba tintlaqa' il-proceduri jibdew mill-gdid fil-konfront tal-persuna msejha fil-kawza, l-oggezzjoni msejsa fuq il-konsiderazzjoni dwar it-tardivita` tat-talba, m'hijiex f'lokha.

Mizmum ferm dak kollu premess, il-Qorti f'dan il-kaz tqis illi hemm htiega reali li tigi ordnata l-kjamata fil-kawza tas-socjeta` Maxent Limited (C-47261) gia` NRR Entertainment Limited, u dan mhux biss ghaliex il-partecipazzjoni tista' titfa' dawl fuq il-vertenza principali ta' din il-kawza, izda ukoll biex tigi evitata duplicita` ta' kawzi.

---

[4] Affidavit ta' Anthony Parlato Trigona, a fol. 56 *et seq*.

**Decide**

**Ghal dawn il-motivi il-Qorti filwaqt illi tilqa' t-talba tas-socjeta` attrici fir-rikors taghha tat-12 ta' Marzu 2019 u tordna s-sejha fil-kawza tas-socjeta` Maxent Limited (C-47261) gia` NRR Entertainment Limited, tordna wkoll illi din l-istess socjeta` tigi notifikata bl-atti processwali tal-kawza a spejjez provvizorjament tas-socjeta` attrici, u taghti lis-socjeta` msejha fil-kawza zmien ghoxrin (20) gurnata sabiex tipprezenta risposta ghat-talba attrici.**

**Dr. Rachel Montebello**

**Magistrat**